**Santa Luċija**

Minuti

Disà Leġislatura

Laqgħa Numru 20/2025
26 ta' Awwissu 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:15p.m.

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (skuża ruħu mill-laqgħa 7.23pm)
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier (telqu mill-laqgħa 7.55pm)
Connie Debattista – Kunsillier (telqu mill-laqgħa 7.55pm)

ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
NIL

Il-Kunsillier Sciberras talab għal minuta silenzju b'rispett lejn resident żgħażugħ li miet minn Santa Luċija. Il-Kunsill approva.

20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 19 u 19a
Il-Minuti ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija.

Il-Kunsillier Sciberras talab għal xi emendi:

Minuti 19:
**19.4.1 –** tiżdied - imma meta jkun jista' jagħmel mezz li jattendi
**19.4.6** – tiżdied - Il-Kunsillier Sciberras fakkar li din it-talba ilha li saret sena u nofs u misshu ilu li sar ir-railing.
**19.4.10** – tiżdied - sqaq ta' bejn

Il-Minuti ġew approvati bl-emendi mill-Kunsillier Sciberras u l-Viċi Sindku.

Il-Kunsillier Sciberras talab għal xi emendi:

Minuti 19a:
**19.5.9 –** rewording - staqsa kif baqa l-Kunsill dwar l-istatwa tas-Sur Vella Critien li kien talab li tiġi mixtrija mill-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li l-skema li l-Kunsill applika għaliha ma ġietx approvata u sadanittant l-istatwa ġiet mibjugħa.
**19.5.47** – tiżdied - Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-AKL u DLG (Annex 1) rigward din it-talba.
- li bħala Kunsilliera għandhom dritt għal informazzjoni li jirċievi l-Kunsill.

Il-Kunsillier Sciberras għaraf li bħala rappreżentanti eletti għandhom dritt għal din il-korrispondenza li tiġi msemmija fil-liġi tal-Kunsill Artiklu 45 u fl-Ordni Permanenti nru. 16.
**19.7** – emenda - ipprepara studju simili tal-Carrying Capacity permezz tas-

Punti mqajjma mill-Minuti:
**19.5.1** Il-Kunsillier Sciberras kjarifika li r-risk assessment dwar in-nar huwa xogħol amministrattiv.

Il-Kunsillier Sciberras talab li għal aġġornament dwar xi punti mqajjma matul is-Seduta Nru. 19 u 19a. Is-Sindku infurmat li l-punti ser jiġu diskussi waqt u wara l-Komunikazzjoni tagħha.

Il-Minuti ġew approvati bl-emendi mill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Debattista.

20.3 Approvazzjoni tal-Quaterly 2 (Jannar – Ġunju 2025)
L-Accountant Daniel Galea spjega l-Quaterly 2 għas-sena 2025. Dan ir-rapport ġie approvat mill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera D'Amato.

20.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

**20.4.1** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li nhar il-24 ta' Ottubru 2025 ser issir l-AGM tar-**Reġjun Nofsinhar** fil-gazebo u bħala pagament ser iħallsu parti mill-ispejjeż tal-kunċert tal-ABBA li jammonta għal €1000.00

**20.4.2** Is-Sindku infurmat li l-ewwel ġimgħa ta' Settembru ser jinbeda t-tindif tal-**culverts** mill-ħaddiema tal-Kunsill madwar Santa Luċija.

**20.4.3** Qabel is-seduta l-Kunsilliera ġew mgħoddija l-approvals/rejects ta' applikazzjonijiet li l-Kunsill kien applika (Annex 1):

- Triq Pensjeri / Triq Bwieraq – One Way – Approvata
- Vjal Oleandri quddiem Block 1 – Bollards – Approvata
- Triq Pensjeri – Bollards – Mhux approvata
- Triq Bice Mizzi – TM infurmawna sabiex titneħħa l-ewwel kaxxa u jsir Double Yellow Line. Is-Sindku staqsiet lil TM jekk hux ser jitneħħew iż-2 parkeġġi l-oħra u qed tistenna risposta minn TM.
- Trejqet Garnaw - Il-Kunsilliera ma aċċettawx il-proposta ta' TM. Is-Sindku infurmat li bagħtet lid-DLG sabiex tiġi organizzata laqgħa mal-Kunsill tal-Gudja sabiex tinstab soluzzjoni.

**20.4.4** Is-Sindku ser tgħaddi l-lista ta' persuni li għandhom ir-**Reserved Parking** f'Santa Luċija lill-Kunsilliera, li hija aġġornata wara li ġiet mitluba mill-Kunsillier Sciberras.

**20.4.5** Is-Sindku infurmat li IM bagħtu l-**Call off** ta' Triq il-Kaħwiela, Triq iċ-Ċikwejra u Triq Maria de Domenicis. Is-Sindku iċċarat ma IM li fl-ebda ħin ma jistgħu jitneħħew siġar minn Triq Maria de Domenicis

k/m Triq Katarina Vitale. Il-Kunsilliera qablu. Is-Sindku bagħtet ukoll lil IM sabiex tiġi 2 way sa Triq Katarina Vitale qabel tibda minn Triq Prinjoli.

20.4.6 Is-Sindku infurmat li l-kuntratt tal-Accountant u Accounting Technician ser jiskadi. L-irħas kwotazzjonijiet huma ta' Daniel Galea u DGalea. Il-Kunsill approva.

20.4.7 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ħareġ il-Works order għar-railing ta' Triq Maria de Domenicis u għandu jkun lest sal-aħħar ta' Settembru 2025.

20.4.8 Is-Sindku iltaqgħet ma kuntrattur għal stima sabiex jitnaddaf il-jogging track minħabba l-istat tas-siġar. Is-Sindku infurmat li talbet għall-għajnuna lill-Project Green u qed tistenna risposta mingħandhom. Is-Sindku stiednet lill-kunsilliera għal laqgħa li ser issir mal-kuntrattur preżenti tal-ġonna.

20.4.9 Is-Sindku bi pjaċir infurmat li ġie rrifjutat il-permess tal-Krematorju PA/3310/25. Il-Kunsill qabel li f'każ li l-applikant jappella, il-Kunsill ser jappella ukoll bis-servizz tal-avukata Dr Bonello. Il-Kunsill qabel ukoll li f'każ li l-Kunsill tal-Gudja jaqblu, jintużaw l-istess perit jew/u avukat u jinqasmu l-ispejjeż.

20.4.10 Is-Sindku ikkonfermat id-data tal-Clean Up Day nhar 21 ta' Settembru 2025, peress li Clean Up Day hija dakinhar. Is-Sindku infurmat li din l-attivita ser jieħdu ħsiebha hi u l-Kunsilliera Debattista fin-nuqqas tal-Kunsillier Sciberras.

20.4.11 Is-Sindku qrat korrispondenza mingħand il-Fondazzjoni Naħla Maltija li irringrazzjaw lill-Kunsill li ġiet imsemmija triq 'Triq in-Naħla Maltija'. Il-Fondazzjoni issuġġerew li jitħawlu xi siġar li jattiraw in-naħal kif ukoll li ssir tabella bl-informazzjoni. Is-Sindku għamlet talba lill-Ambjent Malta u l-Fondazzjoni sabiex issir laqgħa, iżda peress li l-Kunsillier Sciberras ser ikun indispost fid-data li ġie maqbul, ser titlob li l-laqgħa ssir f'ġurnata oħra.

20.4.12 Is-Sindku ikjarifkat korrispondenza mibgħuta mill-kuntrattur tal-ġonna dwar xogħol privat li qed ikun imqabbad mis-Sindku. Is-Sindku qalet li l-Kuntrattur ġie mqabbad għal qtugħ ta' ħaxix li ħiereġ minn ċnut privati minħabba inkonvenjenza ta' persuni li ma jistgħux jgħaddu minn fuq bankini.

20.4.13 Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mid-DLG, Espressjoni ta' Interess sabiex jaraw liema kunsilli huma interessati li jwaħħlu tabelli informattivi fuq il-kannabis. Il-Kunsilliera qablu li jsiru fil-bandli, promenade, fil-pjazez u l-ġonna madwar il-lokalita. Il-Kunsillier Sciberras talab li jiżdiedu r-rondi mill-Community Police minħabba li qed isir tibjib tal-kannabis fi Ġnien Simbjożi.

20.4.14 Is-Seduta ġiet sospiża għal ftit minuti wara talba tal-Kunsilliera Debattista sabiex bħala Kunsill jkun jista jiddiskuti dwar l-Uffiċjal għal Ħarsien tal-annimali li jipprovdi r-Reġjun Nofsinhar. Il-Kunsilliera Debattista ser tagħmel laqgħa mal-Uffiċjal Ackerely Pace.

20.4.15 Is-Sindku qrat l-istatistika tal-inspections li għamlu ERA u ġa infurmat lill-ERA li l-ammont huwa inaċċetabli. Il-Kunsillier Sciberras talab li l-ERA jiġu mistoqsija kemm hawn uffiċjali allokati għal Santa Luċija.

20.4.16 Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera irringrazzjaw lill-President tar-Reġjun Nofsinhar peress li l-Kunsill mhux ser iħallas għar-rejects tas-sena 2023.

20.4.17 Il-Kunsill irċieva talba mingħand persuna sabiex tgħallem il-Crochet ġewwa l-Ġnien is-Serenita. Il-Kunsilliera qablu li jħallsu skond il-bye law, la l-lezzjonijiet ser isiru bi ħlas. Is-Sindku ser titkellem mall-għalliema

għal aktar informazzjoni,  għall-possibilita li l-venue jingħata mingħajr ħlas b'kundizzjoni li r-residenti ta' Santa Luċija jkunu bla ħlas u ser tinforma lill-kunsilliera permezz tal-email

**20.4.18** Is-Sindku issuġeriet li jsiru pjanti air purifying ġewwa l-**Pavillion** minħabba li tinsab viċin il-main road, sabiex tibda tintuża.  Din il-proposta ser tieħu ħsieba l-Kunsilliera Debattista.

**20.4.19** Is-Sindku irċiviet proposta sabiex isir signage bil-braille.  Il-Kunsill qabel sabiex il-Viċi Sindku jibgħat il-proposti tiegħu ta' x'jista jsir dwar dan, u jiġi involut ukoll s-Sur Chen.

**20.4.20** Is-Sindku rċiviet proposta mingħand Project Green sabiex jorganizzaw attivita tal-**Halloween**.  Il-Kunsill approva.  Il-Kunsilliera D'Amato issuġeriet li bħala attivita issir fi Ġnien l-Iskultura u Picnic Area minħabba l-ammont ta' tfal.  Is-Sindku infurmat li ser torganizza laqgħa magħhom għal aktar informazzjoni.  Il-Kunsilliera issuġerew li ssir photboot u r-residenti jlibsu l-pets tagħhom kostum tal-Halloween.

**20.4.21** Is-Sindku qrat il-kummenti ta' Project Green dwar is-suġġerimenti li għaddew ir-residenti u l-Kunsilliera dwar **Ġnien l-Iskultura**.  Project Green infurmaw li t-toqob tal-belvedere ser jingħalqu b'perspex; il-Kunsilliera ma qablux mar-risposta ta' PG dwar is-sharp edges fejn bħala PG ma rawx li huma ta' periklu.  Il-Kunsilliera qablu li jiġi mitlub rapport ta' Health and Safety officer.

**20.4.22** Is-Sindku infurmat li ġiet sottomessa l-applikazzjoni tal-**European Sport Week** li ser issir bħas-sena l-pħra.

.**20.4.23** Referenza Għall **Eurppean Waste Reduction Week** is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Sciberras jekk għandux xi updates.  Il-Kunsillier Sciberras informa li ser jibgħat il-proposal.

**20.4.24** Is-Sindku infurmay li l-ittra ta' rappreżentazjoni għall-applikazzjoni tal-PA ta' **Triq Żnuber** ġiet mibgħuta minn Dr Bonello.

**20.4.25** Is-Sinku talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex il-Kunsill joħroġ €5000 oħra għall spejjeż oħra li hemm bzonn għall-**embellishment** tal-latrini li jinsabu f'Dawet  it-Torri (Memo 6).  Il-Kunsill approva.  Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li inqalgħu diversi issues  u ħsaratli jridu jkunu de1izi mill-perit, skond t-tender.

**20.4.26** Is-Sindku infurmat li ser tattendi għall-**Smart Expo 2025** ġewwa Barcellona f'Novembru 2025.  Il-Kunsill approva li jħallas l-ispejjeż tal-ajruplan u akkomafdozjoni.

**20.4.27** Is-Sindku infurmat li għada l-Kunsilliera mistiedna għall-laqgħa li ser issir mall-**Cleansing Department**.

**20.4.28** Is-Sindku infurmat li fil-pond ta' Ġnien is-Serenita reġa hemm diversi **bubbles** u ġie ssuġerriet li jsir gravel filter.  Bħala kunsill bagħtna lill-Public Works għall-għajnuna tagħhom.

**20.4.29** Is-Sindku infurmat li nġabru kwotazzjonijiet għall-Air Condition ġdid fil-board room u ser tiġi magħżula l-irħas offerta.  Il-Kunsill approva.

**20.4.30** Is-Sindku infurmat lill-Kunsillera li sar inspection tal-bandli minn MCCAA ta' xirid jiġi rranġat fil-bandli.  Dan ir-rapport ser jiġi mgħoddi lill-kunsilliera.

Punti mqajjma mill-Minuti 19 u 19a

Il-Kunsillier talab aġġornament dwar diversi punti li ġew imsemmija. Ċertu punti ġew diskussa matul il-komunikkazjoni tas-Sindku.

19.4.12 Is-Sindku infurmat li TM għadhom ma bagħtux r-risposta dwar iz-zebra crossing ta' Triq Katerina Vitale u ser nibgħatu reminder fuqha.

19.4.13 Is-Sindku infurmat li Dr Bonello għada ma rrisponditx fuq RG/00269/25, kif ukoll s-Sindku tkellmet ukoll mar-resident.

19.4.17 Is-Sindku infurmat li bagħtna lill-Ministru u qed nistennew mingħandu.

19.4.27 Is-Sindku infurmat li qed nistennew mingħand il-perita, u l-Kunsillier Sciberras qiegħed ikkupjat fil-korrispondenza.

19.4.28 Is-Sindku ġiet mgħoddija ma persuna oħra u qed tistenna li tiġi ikkuntatjata sabiex isir laqgħa

19.4.40 Is-Sindku qed tistenna risposta mingħand il-perit. Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera Debattista li f'każ is-Sindku tkun indisposta meta jiġi l-perit, tieħu ħsieb hi.

19a.4.50 Is-Sindku infurmat li ser terġa tiġi mibgħuta reminder lir-Reġjun.

19a.4.51 Is-Sindku infurmat li għad ma għandiex konferma bil-miktub li ser issir

19a.4.52 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill bagħat rapport lill-HA.

19a.5.3 Is-Sindku infurmat li qed nistennew mingħand il-perit.

19a.5.5 Is-Sindku infurmat li ma kelliex rapporti dwar Ġnien SImbjozi, għalhekk ser nagħmlu rapport u dwar Triq Ċinerarja ser nibgħatu lill-HA minħabba li l-ħaddiema ma sabux kif titnaqqas l-intensita.

Il-kunsillier Sciberras informa li d-dawl tal-għassa baqa l-istess. Is-Sindku infurmat li ser terġa tagħmel rapport mas-Supretendent.

19a.5.6 Is-Sindku infurmat li ser terġa tiġi mibgħuta reminder lill-HA anke minħabba li l-flus għadhom ma ġewx mgħoddija minn HA. Is-Sindku issuġeriet li jinġibu kwotazzjonijiet għall-bankijiet bis-solar u napplikaw għal skema għall-fondi.

Is-Sindku issuġeriet li wara l-komunikazzjonijiet nżidu punt ieħor fejn jiġu diskussi punti mqajma mill-minuti.

Il-Kunsillier Sciberras talab li jiġi diskuss l-Quaterly Report 2. Is-Sindku infurmat li l-mistoqsijiet li għandhu jibgħathom email lill-Accountat. Il-Kunsillier Sciberras talab li tiġi mibgħuta lista tal-ammont li daħħal il-Kunsill mill-Bye Law. Il-Viċi Sindku issuġerixxa li nippromwovu l-Bye Law ta' Ġnien is-Serenita fuq il-paġna tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku skuża ruħu mill-laqgħa fis-7.23pm

Sar kuntatt mal-Accountat sabiex jiġu kkjarifikati xi punti mqajjma mill-Kunsillier Sciberras.

20.6 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-Kunsilliera Debattista u l-Kunsillier Sciberras ma qablux li jiġu approvati l-pagamenti minħabba li Item 46 ma provdix n-numru tal-invoice u hemm nuqqas ta' dettalji fl-iskeda. Is-Sindku ikkjarifikat li ma jistgħux il-kuntratturi ma jitħallsux u ċertu mistoqsijiet kellhom jintbagħtu qabel il-laqgħa minħabba li qed jinħela ħafna ħin fuq hekk.

Il-Kunsillier Sciberras talab li meta jiġu mitluba kwotazzjonijiet, tiġi mibgħuta excel sheet qabel is-seduta bil-lista.

Għalhekk il-pagamenti ma ġewx approvati.

**20.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**20.5.1** Il-**Kunsilliera D'Amato** staqsiet x'ser jiġri matul l-attivita tal-Kultura. Is-Sindku infurmat li l-attivita ser issir fit-18 ta' Ottubru u l'għada ser isir attivita taz-Zumba.

**20.5.2 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kemm il-darba jiġu mnaddfa l-Ibins. Is-Sindku qrat il-korrispondenza mibgħuta mill-Greenpak (Annex 2).

**20.5.3 Il-Kunsillier Sciberras** talab lid-DG għall-istatistika uffiċjali tal-popolazzjoni ta' Santa Luċija. Is-Sindku qrat il-korrispondenza mibgħuta mid-DG (Annex 3)

**20.5.4 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kemm saru mistoqsijiet mingħand il-Kunsilliera u l-feedback dwarhom. Is-Sindku infurmat li l-amministrazzjoni qed taħdem fuqha.

Il-Kunsilliera Sciberras u Debattista talbu li l-kumplament tal-mistoqsijiet tagħhom ssir f'laqgħa oħra bħala kontinwazzjoni minħabba li għandhom ammont konsiderevoli ta' mistoqsijiet x'jiġu diskussi u li ma kienux ser ilaħħqu jagħmluhom fin-nofs siegħa li kien għad baqa. Is-Sindku ma approvatx u qalet li baqa l-ħin li huma setgħu jużaw.

Il-Kunsillier Sciberras u l-Kunsilliera Debattista telqu mill-laqgħa fit-7.55pm.

20.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-7.55pm minħabba nuqqas ta' quorum u is-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta,30 ta' Settembru 2025 fil-5.15pm.

Formatted: Font: (Default) +Headings (Calibri Light),

Formatted: Font: (Default) +Headings (Calibri Light),

Formatted: Font: (Default) +Headings (Calibri Light),

Formatted: Font: (Default) +Headings (Calibri Light),

| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
|---|---|
| _________________________ | _________________________ |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |